VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,366, 13 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 64 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' ħinijiet legal rigward konvenji, kwistjonijiet notarili u oħrajn relatati)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamlet dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni huwa l-Ordni tal-2020 li jemenda l-Ordni dwar Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' ħinijiet legal rigward konvenji, kwistjonijiet notarili u oħrajn relatati) u dan l-ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Epidemiji u Mard Infettiv (Sospensjoni ta' ħinijiet legal rigward konvenji, kwistjonijiet notarili u oħrajn relatati), hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali". L.S. 465. 16.

Jemenda l-artikolu 2 tal-ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-ordni prinċipali, il-kliem "permezz ta' avviż fil-Gazzetta." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "permezz ta' avviż fil-Gazzetta:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso li ġej:

"Iżda jekk l-aħħar jum ta' kwalunkwe terminu legali jiskadi matul l-ewwel ħamest (5) ijiem minnufih wara t-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni bħal din mis-Suprintendent, f'dan il-każ, iż-żmien ta' kwalunkwe terminu legali għandu jitqies sospiż għal perjodu ta' għoxrin (20) jum mit-tneħħija tar-revoka ta' kwalunkwe ordni minn dawn mis-Suprintendent.".